**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 776/97

Mario Fabri

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 11 ta' Dicembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa garrab ingustizzja fl-impieg tieghu fl-Armata meta ma nghatax il-promozzjoni li kienet timmeritah f'Jannar 1989.

Illi huwa ngagga fl-Armata fil-1976 wara li gie t-tielet wiehed f'ezami kompettittiv u mal-ewwel inghata xoghol fl-ufficcju tac-Chief Clerk Engineer u wara sena tqabbad jiehu hsieb ir-Records Office tar-Regiment fejn hadd ma sab oggezzjoni ghax-xoghol li huwa ghamel.

Illi huwa kellu l-1st Class Education tal-Army, huwa Clerk BII, Storeman BIII, Cadre Course u numru ta' snin ta' esperjenza fix-xoghol tar-Records, filwaqt li minn 1976 'l quddiem huwa kien it-tieni wiehed fis-seniority fost il-Bumbardiera.

F'Jannar 1989 huwa ma giex promoss ghal Surgent filwaqt li ohrajn b' meriti anqas saru Surgenti.

Illi din kienet ingustizzja kommessa mieghu.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-imsemmi ilment u jiddeciedi li r-rikorrent garrab ingustizzja meta f'Jannar 1989 ma nghatax il-grad ta' Surgent fl-Armata u jordna li r-rikorrent ghandu jinghata dak il-grad, u ghandu jinghata kumpens daqs kemm sofra telf b'konsegwenza tal-ingustizzja msemmija.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa kellu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors, fl-istat li gie notifikat lill-intimat huwa inammissibbli peress li mhuwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-artikolu 7(2)(A) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent kien ipprevalixxa ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-

artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta. Izda jirrizulta li r-rikorrent kien ikkuntenta bir-rimedju jew twegiba li kien tah l-Ufficjal Kmandant tieghu ta' dak iz-zmien u ma jirrizultax li kien talab biex iressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iz-zmien. Jidher ukoll li wara li l-ufficjal kmandant kien spjega lir-rikorrent il-posizzjoni rigward il-promozzjonijiet, ir-rikorrent kien talab biss biex kopja tar-rikors tieghu tigi mghoddija fil-Kwartieri Generali tal-Forzi Armati ghall-finijiet ta' records.

Illi fl-ezercizzju tal-promozzjonijiet in kwistjoni dawk kollha li gew promossi u li kienu ***junior*** tar-rikorrent kienu kollha kwalifikati aktar mir-rikorrent hlief ghal wiehed li minkejja li kellu livell ta' edukazzjoni anqas minn tar-rikorrent cioe'***Army Certificate of Education Class II*** flok ***Class I*** bhal ma kellu r-rikorrent, dan l-individwu kien ikkwalifikat aktar mir-rikorrent f'dawk li huma trades. Fir-rigward tas-***seniority*** dawn l-individwi kellhom l-istess data ta' ***seniority*** bhal ma kellu r-rikorrent.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premess, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddeklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI**

Ikkunsidra

Illi fit-13 ta' Ottubru, 1999 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni dwar nuqqas ta' lista ta' xhieda.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors u qal hekk: "Fil-promozzjonijiet ghall-grad ta' Surgent tal-1988/1989 qabizni il-Bdr. J. Sant numru 6148 li kien junior tieghi.

Ghalkemm huwa kellu Class I Trade u jiena kelli Class II Trade jiena kelli vantagg fuqu ghaliex fl-Army Education jiena kelli Class I filwaqt li huwa kellu Class II.

Jiena kont ghamilt complaint dwar dan u kien intervistani l-Lt. Col. L. J. Sansone u ghamilt "complaint letter" lill-AFM Headquarters 'for records purposes'." Zied jghid "Jiena meta dhalt fl-Armata fl-1976 kont ghamilt ezami kompetittiv u gejt it-tielet wiehed. Dwar Fenech, Abdilla u Sant dawn kienu ghamlu l-ezami mieghi u fil-fatt kienu gew warajja."

Lt. Col. Mario Schembri esebixxa lista ta` promozzjonijiet li saru fit-tieni regiment mir-rank ta` Bumbardier ghal Surgent b` effett mill-11 ta` Mejju 1988. Isem ir-rikorrent jidher fit-tieni pagna ir-raba` wiehed mill-ahhar shaded bil-griz mhux ghax ha l-promozzjoni izda biex juru postu fejn kien jigi kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar. Mill-imsemmija lista jirrizulta li 25 hadu l-promozzjoni li 22 minnhom kienu senior tar-rikorrent. Jirrizulta li 3 kienu junior tieghu. Fost dawk li kienu senior tieghu u li hadu l-promozzjoni 4 kellhom il-1st Class Army Certificate of Education, 12 is-2nd Class u 6 t-3rd Class. Ir-rikorrent kellu Army Certificate Of Education Class 1 oltre li Trades kellu Claerk BII, Storeman BIII oltre li kellu D fil-Cadre Course. Minn dawk li qabzuh tnejn kellhom 1st Class Army Certificate of Education bhalu u wiehed 2nd Class. Minn dawk tal-1st Class wiehed kellu Clerk BI waqt li l-iehor identiku bhalu. Dak li kellu ACE2 kellu trades aktar minnu. Zied li Dokument ma hemmx x' jindika ghaliex intghazel Sant minnflok Fabri. Xehed li "Huwa veru li fost dawk in-nies li ma nghatawx il-promozzjoni dak iz-zmien kien hemm Paul Galea li kien ghamel applikazzjoni quddiem it-Tribunal odjern u li fil-fatt it-Tribunal kien iddecieda favur tieghu. Dan naturalment ma jidhirx fuq l-iskeda minhabba l-fatt li ma

kienx ha l-promozzjoni. Jiena nhoss pero` li c-cirkostanzi ta' kull kaz huma differenti wiehed mill-iehor. Xogholu kien Clerical ukoll."

Xehed Lt. Col. Sansone li semma li kien il-Commanding Officer tar-rikorrent u li kien irrakkomandah ghall-promozzjoni. Kien ukoll il-Commanding Officer ta' 6148 Joseph Sant u kien irrakkomandah ukoll. Ghalih kienu Bumbardiera efficjenti, it-tnejn ta` l-affari taghhom u ghalhekk kien irrakkomandahom it-tnejn. Joseph Sant kien jahdem fil-workshops fil-karozzi. Fabri kien jaghmel xoghol fil-clerical office mac-chief clerk.

Xehed il-Brigadier Spiteri li kien il-Kap Kmandant tal-Armata. Kienu jsiru proceduri dwar il-promozzjonijiet u l-lista finali tmur l-Ufficcju tal-Prim Ministru "for final authority". Stqarr li meta wiehed jasal biex jaghti promotions wiehed irid jezamina diversi aspetti bhal ma huma performance, qualifications kemm akkademici kif ukoll ta' trades, supervisory qualities, seniority li ghandha importanza kbira fl-Armata u vacancies. Jekk persuna tkun kwalifikata seniority "plays an important part" hafna fis-servizz. Semma li possibilment ir-ragunijiet fuq il-promotions kienu li Fabri kien Clerk u forsi jkun hemm raguni li l-vacancy tkun mhux ghal clerk izda jkun fil-mechanical workshop. Semma li wara 13-il sena, ma setax jiftakar ir-raguni fuq vacancies. Biex issir Surgent il-minimum qualifications dak iz-zmien kienet Second Class Education li fil-fatt Sant kellu u ghalhekk kien kwalifikat biex jista' jsir. Semma wkoll li wiehed irid jara l-personal qualities tal-individwi koncernati u fil-kaz ta' Sant u Fabri it-tnejn kienu "very good soldiers".

**KONKLUZJONIJIET:**

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

It-Tribunal jinnota li s-seniority inzammet fil-kaz tat-22 wiehed inkluz is-sitta li kellhom 3rd Class ACE u t-tnax li kellhom 2nd Class. Dan jassumi aktar importanza meta wiehed jiftakar dak li xehed il-Brigadier Spiteri li biex bniedem jilhaq Surgent minimum qualifications kienet 2nd Class Education. It-Tribunal ihoss li kienet ferm stramba li din is-seniority ma tinzammx fil-kaz ta' Mario Fabri, li nqabez mhux biss minn nies li kellhom l-istess ACE 1 bhalu izda addirittura minn Joseph Sant li kellu anqas seniority (ghalkemm marginali) u anqas ACE minnu. Veru li Sant kellu aktar trades mir-rikorrent. Ma rrizulta minn imkien li r-rikorrent ma gabx ruhu sew jew li maghamilx xogholu kif suppost

jew li kien hemm xi raguni li tiggustifika n-nuqqas ta' promozzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Surgent b'effett mill-11 ta' Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.